Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

**Nru. 450** **ĠUNJU 2014**

**INFAKKRU S-SEBA' ANNIVERSARJU MILL-KANONIZZAZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA**
(Il-Ħadd 3 ta' Ġunju 2007)
Nitolbu ħafna lil San Ġorġ Preca għal pajjiżna u għall-familji kollha tagħna.

---

## VELJA DJOĊESANA TA' PENTEKOSTE

**Jum l-Appostolat tal-Lajċi**

Nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju 2014 fir-Rotunda tax-Xewkija, fis-7.30pm. Jingħata l-mandat lill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. Inħeġġu l-membri tal-Għaqdiet, Movimenti u Gruppi Ekkleżjali biex jipparteċipaw.

---

## SOLENNITÀ TAL-QALB TA' ĠESÙ
## JUM DINJI TA' TALB GHALL-QDUSIJA TAS-SAĊERDOTI
## IL-ĠIMGĦA, 27 TA' ĠUNJU 2014

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju taħbat is-Solennità Liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. F'din il-ġurnata fil-Parroċċi kollha u f'diversi knejjes oħra ssir Ġurnata ta' Talb u Adorazzjoni Ewkaristika Solenni għall-Qdusija tas-Saċerdoti.

Fil-Parroċċa tal-Fontana ssir Siegħa Adorazzjoni (5.00-6.00pm) mis-Saċerdoti għall-Qdusija tas-Saċerdoti stess, mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex.

*F'ittra lill-Kleru tad-dinja, il-Kardinal Mauro Piacenza, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kleru, kiteb lis-saċerdoti kollha tad-dinja fejn eżortahom illi "Id-dinja tal-lum mifnija b'tant weġgħat u firdiet għandha bżonn lil Alla u l-Knisja għandha d-dmir li tipproklamah. Biex tkun tista' taqdi dan id-dmir, il-Knisja trid tkun ħaġa waħda ma' Ġesù u ma titbiegħed qatt minnu. Hija għandha bżonn ta' Qaddisin li jgħammru fil-qalb ta' Ġesù u li jkunu xhieda ferrieħa ta' Alla Trinitarju. Biex ikunu jistgħu jaqdu lill-Knisja u lid-dinja, is-saċerdoti jridu jkunu qaddisin".*

Nitolbu lil dawk kollha li għandhom ir-responsabbiltà tal-Għaqdiet, Gruppi Ekkleżjali u Movimenti Kattoliċi biex f'dan il-jum iħeġġu lill-membri tagħhom lajċi biex jitolbu għall-Qdusija tas-Saċerdoti kollha.

---

## JUM IS-SEJĦA TAL-MADONNA TA' PINU lil Karmni Grima
## IL-ĦADD 22 TA' ĠUNJU 2014

Nhar Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2014 jaħbat il-131 Anniversarju ta' meta f'TA' PINU nstema' l-Leħen ta' Marija, Omm Ġesù u Ommna jsejħilna « Ejja, Ejja » permezz ta' Karmni Grima biex nagħtu lilna nfusna u nersqu lejn dan il-Maqdes Qaddis biex nitolbu. Żgur li l-Għawdxin flimkien ma' ħafna minn ħutna Maltin jersqu f'dan il-Jum jitolbu f'dan is-Santwarju għażiż.
Programm: 10.00am Supplika u Pontifikal (li jiġu mxandra fuq TVM2 u Radju Marija; Radju RTK se jxandar is-Supplika). Fit-8.00pm Quddiesa u Purċissjoni Ewkaristika fuq iz-zuntier.
Il-programm dettaljat jinħareġ mis-Santwarju.

---

## SKOLA TA' FORMAZZJONI DWAR IL-FAMILJA

Bejn it-30 ta' Ġunju u t-12 ta' Lulju l-Kummissjoni Djoċesana Familja se torganizza diversi korsijiet ta' formazzjoni dwar il-pastorali mal-familja. Min hu interessat, hu mitlub jikkuntattja lill-Kummissjoni.

| | |
|---|---|
| **1.Hadd.** | **Tlugħ il-Mulej fis-Sema. Solennità. It-48 Jum il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali.**<br>Laqgħa għall-Familjari tal-Kleru fis-Seminarju fil-4.30pm.<br>Festa ta' Sant'Antnin (Franġiskani Minuri, Mġarr, Għajnsielem). |
| 3.Tlieta | Is-Seba' Anniversarju mill-Kanonizzazjoni ta' San Ġorġ Preca (3/06/2007).<br>Preparazzjoni MFF 3(KDF - 6.30pm). |
| 4.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal- Kappillani.<br>Il-5 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 5.Hamis | San Bonifaċju, Isqof u Matri. Tifkira (O).<br>Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju (7.00am -10.00pm).<br>Laqgħa "Grupp Talb Dun Mikiel Attard" (Seminarju - 7.00pm - 8.00pm). |
| 6.Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa Vokazzjonali 6th Form (7.00pm)/ Laqgħa għal Persuni Separati (KDF-8.pm/ Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin - 8.30pm).<br>Adorazzjoni għall-Koppji Għarajjes u miżżewġin (Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II - 8.30pm-9.30pm.<br>Laqgħa għan-Nisa organizzata mill-AK (Sala tal-Ministeru Pjazza San Franġisk - 6.30pm). |
| 7.Sibt. | L-ewwel Sibt tax-xahar. / Is-Sette Giugno (Festa Nazzjonali).<br>Velja Djoċesana ta' Pentekoste (Rotunda tax-Xewkija - 7.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, Victoria - 8.30pm). |
| **8.Hadd.** | **Għid il-Hamsin. Solennità./ Jum l-appostolat tal-Lajċi.**<br>Festa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur (Parroċċa Għasri). |
| 9.Tnejn | San Efrem, djaknu u duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 11.Erbgħa | San Barnaba, Appostlu. Tifkira (O).<br>Laqgħa Nukleju Ċentrali (KDF - 7.00pm) / Preparazzjoni MFF 2 (KDF - 8.00pm.)<br>Is-6 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 12.Hamis | Jum Dinji kontra x-Xogħol tat-Tfal (ĠM). |
| 13.Ġimgħa | Sant'Antnin ta' Padova, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>It-2 Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima (Knisja ta' Hamet): Adorazzjoni (6.00pm), Quddiesa u Pelligrinaġġ ta' Talb (7.00pm). |
| 14.Sibt. | Ċenaklu A.K. (Dar Ċentrali Victoria - 5.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Nadur - 8.30pm). |
| **15.Hadd.** | **It-Trinità Qaddisa. Solennità./Jum il-Missier.**<br>Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (Parroċċa Fontana /Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Nadur). |
| 18.Erbgħa. | Is-7 Erbgħa Santa Marija. |
| 19.Hamis | |
| 20.Ġimgħa | Laqgħa għal Persuni Separati (KDF. -8.00pm). |
| 21. Sibt | San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż. Tifkira (O).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Parroċċa tal-Katidral - 8.30pm). |
| **22.Hadd.** | **Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej. Solennità.**<br>Tifkira solenni tas-sejħa tal-Madonna TA' PINU lil Karmni Grima. Festa fis-Santwarju Ta' Pinu.<br>Festa ta' San Ġwann Battista (Parroċċa Xewkija). |
| 24.Tlieta. | It-twelid ta' San Ġwann Battista. Solennità. |
| 25.Erbgħa. | It-8 Erbgħa Santa Marija. |
| 26.Hamis | Jum Internazzjonali kontra d-Droga (ĠM).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Parroċċa tal-Fontana - 8.30pm). |
| **27.Ġimgħa.** | **Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Solennità.**<br>Jum ta' Talb għall-Qdusija tas-saċerdoti-Adorazzjoni għas-saċerdoti (Fontana - 5.00pm).<br>Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra ż-żwieġ (KDF - 8.00pm). |
| 28.Sibt. | Qalb bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija.<br>Vġili ta' San Pietru u San Pawl Appostli.<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati (Parroċċa ta' San Ġorġ - 7.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria - 8.30pm). |
| **29.Hadd.** | **San Pietru u San Pawl, Appostli. Solennità.**<br>Festa ta' San Pietru u San Pawl (Parroċċa Nadur). |
| 30.Tnejn | L-Ewwel Martri ta' Ruma.Tifkira.<br>Jibda Kors ta' Formazzjoni dwar il-Familja (Kummissjoni Djoċesana Familja). |